MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Avviz Numru. 657/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Angnes u b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2002 l-isem tal-konvenuta Angnes gie mibdul Agnese u isem imhassar u sostitwit skond digriet ta-16 ta' Frar 2006 "ghal Agnese Fenech"**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u tmenin liri Maltin u disgha centezmi (Lm588.09) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 437035 (skond kif jirrisulta mill-'statement' anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond "Sea View Court", Flat 8 F, Triq il-Qarnita, Qawra u dana skond ma kif jidher mis-'service agreement' anness mal-avviz Dok A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 1999 u 18 ta' Awissu 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 u fol 3 tal-atti kif ukoll id-digriet imsemmi moghti fl-20 ta' Novembru 2002 a fol 25 tal-atti oltre dak verbalizzat fl-istess seduta tal-20 ta' Novembru 2002 u f'dik tal-14 ta' Marzu 2005.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fl-14 ta' Marzu 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm588.09,0 bl-imghax legali mill-24 ta' Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-24 ta' Mejju 1999 u tat-18 ta' Awissu 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------